

# Il-Kungress Ewkaristiku Nazzjonali u l-Mosta



*Max Farrugia Dip. LIS*

Il-Knisja f'Malta din is-sena fakkret il-mitt sena minn meta inżamm l-24 Kungress Ewkaristiku Internazzjonali f'pajjiżna matul ix-xahar ta' April. Kienet ġrajja importanti ħafna fl-istorja ta' pajjiżna, għaliex pajjiż żgħir bħal tagħna jingħata l-opportunità li jorganizza l-Kungress Ewkaristiku, meta normalment okkażjonijiet bħal dawn isiru fil-bliet kbar ma kinitx xi ħaġa normali. Wieħed allura jistaqsi għaliex it-talba ta' Malta ġiet milqugħa mingħajr problemi ta' xejn. Ir-risposta hija sempliċi ħafna. Minħabba s-sitwazzjoni li kien hawn f'pajjiżna f'dawk iż-żmien. Tajjeb ngħid li lejn l-aħħar snin tas-seklu 19 bidu tas-seklu 20 f'Malta kienet bdiet kampanja aggresiva biex tidħol fostna r-reliġjon protestanta. Biżżejjed wieħed jgħid li anki kulleġġ protestant kien inbena f'pajjiżna. Dan kien jinsab fl-inħawi ta' Tas-Sliema. Dan il-kulleġġ kien jintuża sabiex permess tiegħu issir propaganda protestanta mhux biss f'Malta imma fil-Mediterran. Insibu li bdiet dieħla ħafna letteratura protestanta bl-Ingliż kif ukoll bit-Taljan u kien hawn xi stamperija lokali li kienet tintuża għal dan l-iskop. Xi lajċi kienu qalbu għar-reliġjon protesanta u saħansitra insibu anki saċerdot. Din is-sitwazzjoni bdiet tinkwieta ħafna l-awtoritajiet tal-Knisja Lokali. Huwa dokumentat li saru diversi protesti uffiċjali mal-awtoritajiet Ingliżi f'Malta dwar it-tixrid ta' din il-letteratura u l-Vatikan ġie infurmat b'dak li kien qiegħed jiġri.

L-awtoritajiet tal-Knisja kienu tal-fehma li jekk tiġi organizzata attività tal-massa internazzjonali, bis-sehem ukoll tan-nies tal-lokal din tgħin biex tiskuraġixxi lil dawk li kienu qed jaħsbu li jistgħu jixtru lil Maltin sabiex jaqilbu it-twemmin reliġjuż tagħhom. Meta Malta talbet formalment biex torganizza l-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali t-talba ġiet milqugħa



*Il-ftuħ tal-Kungress fil-Mosta*





mingħajr problemi ta' xejn. Mill-ewwel bdiet il-ħidma biex dan il-Kungress ikun suċċess bħal dawk ta' qablu. Ġew imwaqqfa numru ta' kumitati u kummissjonijiet biex jippreparaw għal dan l-avveniment importanti fl-istorja mhux reliġjuża biss ta' pajjiżna imma anki fl-istorja ta' Malta. Il-qofol tal-attivitàjiet inżammu fil-knisja ta' Mosta, għalkemm kien hemm okkażjonijiet nazzjonali fil-Furjana u l-Belt Valletta. Attivitajiet sekondarji inżammu f'xi bliet u irħula oħra u fihom ħadu sehem kungressisti barranin. Fost dawn kien hemm ir-Rabat, iż-Żurrieq, is-Siġġiewi, l-Isla, Birkirkara u numru ta' knejjes oħra. Anki Għawdex ta s-sehem tiegħu tant li kien hemm attività kbira fir-Rabat Għawdex li għaliha attenda saħansistra il-legat tal-Papa Piju X, il-kardinal Domenico Ferratta. Din kienet it-tberik tal-knisja ta' San Sabina, li tintuża bħala knisja ta' adorazzjoni perpetwa.

Imma jkun hawn min jistaqsi għaliex ir-raħal tal-Mosta li kien jinsab daqshekk 'il bogħod mill-Belt kapitali ntgħażel sabiex l-attivitàjiet prinċipali tal-Kungress Ewkaristiku isiru fih? Nafu li l-mezzi tal-komunikazzjoni u t-trasport ma kinux daqshekk żvilupati bħal-lum u ma kienx faċli li wieħed jattendi għall-attivitàjiet. Ir-risposta hija waħda sempliċi ħafna. Dak iż-żmien ma kienx hawn knisja akbar minn dik tal-Mosta li tistà tieħu massa kbira ta' nies. Infatti din il-knisja għadha sal-lum tkun ikkunsidrata u ppreferuta fuq ħafna oħrajn għal attivitàjiet reliġjużi tal-massa. Veru li l-organizzaturi kienu qed jieħdu sogru, imma kienu jinsabu ċerti li f'kull okkażjoni li kienu se jorganizzaw f'din il-knisja li tesà eluf ta' nies mod speċjali bilwieqfa kienu se jkunu suċċess. Fil-fatt kellhom raġun għax ma kienx hemm attività waħda li l-knisja ma kinitx imballata daqs bajda u bin-nies jipparteċipaw fit-toroq ukoll.

Matul il-ġranet uffiċjali ta' dan il-Kungress Ewkaristiku, il-Mosta kienet iċ-ċentru tal-attivitàjiet kollha, għajr għal tliet okkażjonijiet nazzjonali, li kienu tqarbina ġenerali mit-tfal ta' Malta



*Il-wasla tal-legat tal-Papa Ferrata fil-Mosta*






kollha li nżammet fil-knisja tal-Furjana, il-pontifikal tal-Kungress li sar San Ġwann u t-tberik tal-art u l-baħar li sar fil-Barrakka ta' Fuq. F'Għawdex kien hemm it-tberik tal-Knisja Ewkaristika ta' Santa Sabina fir-Rabat .

Fil-Mosta saru tliet laqgħat kbar fejn il-Knisja kienet imballata mhux biss bil-mijiet ta' kungressisti li ġew apposta imma anki bil-preżenza ta' ħafna Maltin. Mhux possibbli li wieħed jagħti deskrizzjoni ta' dak kollu li ntqal matul dawn it-tliet laqgħat imma għal fini ta' storja tajjeb li ngħidu min kienu l-kelliema, dwar xhiex tkellmu u kif ġew milqugħa f'kull okkażjoni.

Wara l-laqgħat uffiċjali li l-Kardinali u l-mistednin l-oħra kellhom ġol-Belt Valletta mal-ogħla awtoritajiet tal-pajjiż kemm reliġjużi kif ukoll ċivili, mas-siegħa ta' wara nofsinhar tal-ewwel jum tal-Kungress irħewla lejn il-Mosta. Matul ir-rotta fil-Furjana, Ħamrun, u Birkirkara, il-mistiedna distinti ingħataw merħba kbira. It-toroq kienu imżejna għall-okkażjoni, bħalma kienu imżejna numru kbir ta' twieqi u galleriji. Il-qofol intlaħaq fil-Mosta fejn kien hemm jistennewhom eluf ta' nies li nġabru fit-triq illum imsemmija għall-Kungress Ewkaristiku u fil-pjazza prinċipali tar-raħal. Matul din it-triq kien hemm numru ta' tabelli bi skrizzjonijiet dwar Ġesù Sagramentat u tiżjnin ieħor. Il-Banda kienet qed tferraħ lil eluf ta' nies miġbura sakemm jaslu l-4 kardinali, it-53 Isqof u madwar 2000 kungressist. Il-wasla tal-Kardinal Legat tal-Papa, Domenico Ferrata ġiet imħabbra mid-daqq tal-qniepen tar-Rotunda, u l-poplu nfexx f'għajta waħda ta' *Viva il-kardinal legat*. Huwa ġie milqugħ mill-Isqof tad-djoċesi taħt il-baldakkin u kien eskortat sal-knisja mill-*Catholic Boys Brigade* u numru ta' studenti universitarji bħala l-gwardja tal-unur. Preżenti kien hemm l-Arċipriet tal-Mosta Dun Paolo Mallia. Fil-knisja diġà kien hemm jistennew lil-Legat tal-Papa l-kardinali u l-kungressisti, li laqgħuh b'ċapċip kbir. Meta kollox ġie għan-normal il-Monsinjur Tomasu Heylen, il-President tal-Kumitat tal-Kungress Ewkaristiku, għamel id-diskors tal-ftuħ u ddikjara l-Kungress miftuħ. Huwa qara ukoll telegramm li kien se jintbagħat lill-Papa għan-nom tal-poplu Malti u l-Kungressisti. Warajh tkellem Monsinjur Paolo Gauci, is-segretarju tal-Isqof ta' Malta, li qara l-messaġġ tal-Papa li kien iħabbar li l-Kardinal Ferrata kien il-legat tiegħu.

Wara ċ-ċerimonja, tal-ftuħ li ġew fi tmiemhom bl-għajjat ta Viva l-Papa għal tliet darbiet, indirizza il-ġemgħa l-kardinal Ferrata. Huwa tkellem dwar il-fidi tal-Maltin, il-miġja ta' San Pawl fostna, u l-Ewkaristija. Huwa faħħar ħafna l-ħeġġa tal-Maltin għat-twemmin tagħhom, il-lejaltà lejn il-Papiet, u l-ġibda kbira li ghandhom lejn Ġesù Sagramentat. Fi tmien id-diskors tiegħu huwa dar lejn it-tabernaklu u flimkien mal-folla preżenti talab lil Ġesù Sagramentat sabiex ibierek dan il-Kungress Ewkaristiku



*It-tribuna tal-Kungress Ewkaristiku*





*L-aħħar jum tal-Kungress fil-Mosta*

Internazzjonali, il-poplu Malti, li laqa' din il-miġemgħa u lill-kungressisti. Wara dan id-diskors, l-Isqof Awżiljarju, Monsinjur Angelo Portelli O.P. deher taħt it-tribuna u beda d-diskors tiegħu għan-nom tal-Isqof Pace li kien indispost. Huwa rringrazzja lil-Legat tal-Papa għad-diskors li kien għadu kif għamel u għall-mawra tiegħu fostna, u esprima l-ħsieb tal-Maltin li kienu iħossuhom ixxurtjati li okkażjoni bħal din inżammet f'pajjiżna. Monsinjur Portelli tkellem dwar il-fidi tal-Maltin u qal li għalkemm il-pajjiż jinsab taħt ħakma protestanta dejjem baqgħet soda u l-poplu solidarju mal-Knisja ta' Kristu. Wara l-Isqof Portelli tkellem l-Avukat A. Mattei, li għan-nom tal-poplu Malti ta merħba lill-mistiedna distinti. It-taħdida tiegħu saret bl-Ingliż. Warajh qam jitkellem Monsinjur Emard, Isqof ta' Valleyfield fil-Kanada għan-nom tal-kongressisti li wieġeb bil-Franċiż għaż-żewġ diskorsi. Kienet ix-xewqa tal-Monsinjur Heylen, Isqof ta' Namur, u President tal-Kungress li jkun hemm taħdida bl-Ingliż u oħra bil-Franċiż.

Huwa faħħar l-organizazzjoni li l-Maltin ippreparaw għall-barranin u qal li kien jinsab ċert li kien se jkun Kungress Ewkaristiku ta' importanza kbira. Wara Monsinjur Heylen deher taħt it-tribuna l-bravu Giżwita Vincenzo Sammut, ir-rettur tal-Ġiżwiti f'Malta li għamel l-aħħar taħdida tal-l-ewwel jum tal-Kungress Ewkaristiku. Huwa tkellem dwar ir-reliġjon f'Malta. Il-jum fil-Mosta intemm fit-tluq tal-mistiedna distinti għall-villa ta' Dr. Oreste Grech Mifsud, fejn il-legat tal-Papa u sħabu tal-kumitat kienu mistiedna tal-unur. Matul il-lejl f'diversi knejjes fil-Belt inżamm lejl ta' Adorazzjoni Ewkaristika li ġew fi tmiemhom għall-ħabta tal-4.00 ta' filgħodu.

It-tieni laqgħa kbira li nżammet fir-Rotunda tal-Mosta ħadet nofs ta' nhar sħiħ meta fiha tkellmu erba' kelliema prinċipali. Il-ftuħ sar minn Monsinjur Heylen, li ta merħba lil dawk kollha preżenti u rringrazzja lid-Duka ta' Norfolk u s-sinjura tiegħu li kienu preżenti, u lill-Maltin għall-merħba sabiħa li reġgħu ingħataw il-kungressisti. L-ewwel kelliem kien Monsinjur Luigi Farrugia, paniġierkista kbir u ta' fama li tkellem dwar l-*Ewkaristija u Malta*. Wara esprima l-ħsibijiet tiegħu l-Avukat Giovanni Galea dwar il-*liturġija tal-Quddiesa*. Il-Professur Patri Anastasju Cuschieri Karmelitan tkellem dwar il-*Quddiesa Raparatriċi*. Id-diskorsi ta' dawn it-tliet Maltin ġew milqugħa tajjeb ħafna mhux biss minn dawk preżenti imma anki minn xi wħud tal-40 ġurnalist li ġew apposta għal dan il-Kungress. Il-ġurnata fil-Mosta ġiet fi tmiemha bid-diskors tal-Kanonku A. F. Leynaud li tkellem dwar il-*Quddiesa fl-istorja tal-Knisja tal-Afrika.* Din il-ġurnata ġiet fi tmiemha bil-barka sagramentali f'San Ġwann u diversi taħdidiet li kien hemm f'numru ta' knejjes fil-Belt Valletta u l-Furjana.

It-tielet laqgħa kbira li kien hemm fil-Mosta saru diskors minn erba' kelliema distinti oħra, żewġ barranin u żewġ Maltin. Wara l-ftuħ ta' din il-laqgħa minn Monsinjur Heylen, tkellem il-bravu u maħbub ħafna mill-Maltin il-Kardinal Bourne. Id-diskors tiegħu ffoka l-aktar dwar *L-ewkaristija u l-familja.* Kien diskors konċiż imma ṃqanqal ħafna. Wara tkellem l-AvukatArturo Mercieca aktar 'il quddiem President tal-Qrati Maltin u anki ingħata t-titlu ta' Sir. Mercieca tkellem dwar *l-Ewkaristija u t-tfal.* Taħdida bi kliem sempliċi u ħelu li ntlaqa' tajjeb ħafna minn kulħadd. Kelliemi ieħor kien Monsinjur P. Gemelli tal-Italja li tkellem dwar *l-Ewkaristija u Lourdes.* Huwa għamilha ċara li kien qed jitkellem għan-nom tal-Isqof ta' Lourdes fi Franza. L-aħħar kelliem f'dan il-Kungress Ewkaristiku kien it-tabib Malti Gian Felice Inglott. Matul ħajtu assista medikament mijiet ta moribondi. Id-diskors tiegħu kien dwar *l-Ewkaristija fl-aħħar siegħa qalila tal-ħajja,* li aħna nafu f'termini sempliċi bħala l-Vjatku.



Dan id-diskors intlaqa' minn dawk kollha preżenti b'ċapċip kbir u għajjat ta' bravu bravu.

Bħalma dejjem kien isir kuljum il-biċċa l-kbira tal-mistiedna erħewla lejn il-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta fejn kien hemm aktar funzjonijiet u taħdidiet fuq skala iżgħar.

L-aħħar pontifikal li nżamm fil-Mosta kien l-aħħar ġurnata tal-Kungress matul in-nofstanhar ta' filgħodu fejn mas-7.30 il-Banda Nicolò Isouard laqgħet lill-Kardinal Bourne f'tarf ir-raħal. Xi ħaġa partikulari li ġrat kienet li mal-wasla tiegħu fil-Mosta hu ġie milqugħ mill-kumitat, tneħħa ż-żiemel minn mal-karozzella li wasslitu u diversi Mostin ġibdu lil dan il-kardinal sal-knisja fost merħba kbira minn dawk preżenti. Għal dan il-pontifikal minn Kardinal Ingliż kien hemm uffiċjali Ingliżi f'pajjiżna u għal darb'oħra d-Duka ta' Norfolk. Hawnhekk l-aktar li ħadu sehem kienu l-Mostin u n-nies tal-madwar. F'dan il-jum wara l-Kardinal Bourne wasal għall-aħħar darba il-Kardinal Ferrata, il-legat tal-Papa li għalaq uffiċjalment il-Kungress Ewkaristiku li nżamm Malta.

L-omelija ta' din l-okkażjoni saret mill-ġurnalista tal-ġurnal *Civiltà Cattolica* li tkellem minflok Monsinjur Zora de Bulach. L-isqof ta' Strasburgu tkellem dwar il-bżonn tat-talb għall-konverżjoni tal-Lvant fejn semma' kif il-Gran Mastru La Vallette qabel ma intefa' biex jirbaħ lit-Torok insista biex jiġi espost Ġesù Sagramentat fil-knejjes kollha tal-Gżejjer Maltin. Fi tmiem l-okkażjoni tkellem il-Monsijur Giuseppi Farrugia, Vigarju tal-Isqof ta' Għawdex dwar l-importanza ta' adorazzjoni ta' filgħaxija u l-quddiesa tal-adorazzjoni. L-aħħar intervent li kien wieħed qasir sar mill-Kanonku A.Desgranges, il-President tal-Ġuvintur Insara fi Franza. Huwa tkellem dwar il-bżonn li s-soċjetà kollha toqgħod taħt il-mant ta' Ġesù Ewkaristija.

Fl-aħħar nett Monsinjur Heylen, Isqof ta' Namur iddikjara li l-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali ta' Malta ġie uffiċjalment fi tmiemu.

MJK TRANSPORT

**Charlie Cassar**

***Managing Director***

Mob: (+356) 9949 6805

*Freight Forwarders, Customs Clearance, Haulage Services, Door to Door Deliveries, Lifting & Sideloader Services, Heavy Plant Handlers, Crane Hire*



MJK Garage, Triq Patri Mattew Sultana, Kalkara KKR 1183 - Malta

**www.mjktrans.com** **chcassar@mjktrans.com**